

(3) Il-Parlament u Densmore Ronald Dover għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 141, 20.06.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-184/09) (¹)

(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor — Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1663/95 u Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 — Evalwazzjoni tar-riskju ta’ dannu finanzjarju għall-FAEGG — Prinċipju ta’ proporzjonalità”)

(2011/C 145/42)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: V. Kontolimos, E. Leftheriotou u V. Karra, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Jimeno Fernández u A. Markoulli, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/253/KE, tad-19 ta' Marzu 2009, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċertu nfiq magħmula mill-Istati Membri taħt it-Taqsima Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG), u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar il-Garanzija (FAEG) (ĠU L 75, p. 15), sa fejn din teskludi ċertu nfiq magħmula mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 193, 15.08.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — Cybergun vs UASI — Umarex Sportwaffen (AK 47)

(Kawża T-419/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali AK 47 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 145/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Cybergun SA (Bondoufle, Franza) (rappreżentant: S. Guyot, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Umarex Sportwaffen GmbH Co. KG (Arnsberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-H. Hoffmann, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Awwissu 2009 (Każ R 1101/2007-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Umarex Sportwaffen GmbH Co. KG u Cybergun SA.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Cybergun SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 312, 19.12.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — Cybergun vs UASI — Umarex Sportwaffen (AK 47)

(Kawża T-503/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali AK 47 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 145/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Cybergun SA (Bondoufle, Franza) (rappreżentant: S. Guyot, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Umarex Sportwaffen GmbH Co. KG (Arnsberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-H. Hoffmann, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Ottubru 2009 (Każ R 645/2008-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Umarex Sportwaffen GmbH Co. KG u Cybergun SA.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Cybergun SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 51, 27.2.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — CheckMobile vs UASI (carcheck)

(Kawża T-14/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali carcheck — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Aritkolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 145/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: CheckMobile GmbH — The Process Solution Company (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Lodigkeit, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-18 ta' Novembru 2009 (Każ R 595/2009-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali carcheck bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) CheckMobile GmbH — The Proċess Solution Company hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 80, 27.03.2010.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2011 — Milux vs UASI (REFLUXCONTROL et)

(Kawża T-139/10, T-280/10 sa T-285/10 u T-349/10 sa T-352/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Rappreżentanza tar-rikorrenti minn avukat li mgħandux il-kwalità ta' terzi — Inammissibilità”)

(2011/C 145/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Milux Holding SA (Luxembourg, il-Lussemburgu) (rappreżentant: J. Bojs, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Jannar 2010 (Każ R 1134/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali REFLUXCONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-139/10), tad-29 ta' April 2010 (Każ R 1432/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali ANEURYSM-CONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-280/10), tad-29 ta' April 2010 (Każ R 1433/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali APPETITECONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-281/10), tat-8 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1434/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali STOMACONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-282/10), tas-17 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1435/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali BMICONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-283/10), tat-3 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1438/200-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali IMPLANTCONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-284/10), tad-29 ta' April 2010 (Każ R 1444/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali CHEMO-CONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-285/10), tad-29 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1436/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali OVUMCONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-349/10), tat-2 ta' Lulju 2010 (Każ R 1437/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali HEARTCONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-350/10), tat-28 ta' Lulju 2010 (Każ R 1439/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali VESICACONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-351/10), u tat-28 ta' Lulju 2010 (Każ R 1443/2009-4), dwar l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali RECTALCONTROL bħala trade mark Komunitarja (Kawża T-352/10).

Dispożittiv

(1) Il-Kawżi T-139/10, T-280/10 sa T-285/10 u T-349/10 sa T-352/10 huma magħquda għall-finijiet tad-digriet.